KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL

15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483

Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

9 ta' Marzu 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hmistax-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Hmistax (15)-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2013 fl-4.30pm.**

**Minhabba nuqqas ta' kworum, il-laqgha bdiet fil-5.00pm.**

Il-Hmistax (15)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2013
10. Evalwazzjoni tal-Offerti

i. FLC/Q/03/2013 – Repair/ replacement of Faulty CCTV in KGV

11. Gnien il-Mall
12. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
13. Tkomplija tas-sular ta' fuq
14. Haddiem Manwali
15. Uzu tas-Swali tal-Kunsill
16. Hlasijiet dovuti lil-Kunsill
17. Gardmed
18. Gbir ta Skart Riciklat
19. Jum il-Floriana
20. Celebrazzjoni Nazzjonali ta` Lejlet l-Ewwel tas-Sena
21. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
22. St Patrick's Day f'Balzunetta

23. Housing fil-Floriana
24. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Hmistax (15)-il laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 3.7.**
**Il-Kunsillier Anthony Brincat m'attendiex ghall-laqgha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbghatax (14)-il laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.16 li ghandha taqra "wara li ngibditlu l-attenzjoni ghall-ittra mill-Kunsillier Vincent Borg".

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 13.7 li ghandha taqra "b'riferenza ghall-13.1, il-kunsill qabel li ghandu jibqa' …".

1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 23.12 li ghandha taqra "Triq l-Argotti c/w Pjazza San Kalcidonju".

1.5 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.6 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.7 Il-minuti msemmija f'1.6 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.3 (14) u saqsiet jekk kienx hemm xi risposta rigward il-green wardens. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s'issa kien ghad ma kienx hemm risposta.

2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.5 (14) u saqsiet jekk il-Kunsill kienx gie avvicinat rigward il-materja taz-zona maghrufa bhala taht il-forka. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghadu ma giex avvicinat bl-ebda proposta biex il-bajja ssir wahda privata. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-kunsillier responsabbli mill-MEPA ghandu jiehu hsieb jivverifika u jara jekk dan hux minnu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni. Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-Kunsill kellu wkoll il-konsulenti tieghu li jirrevedu l-applikazzjonijiet li jkollom x'jaqsmu mal-lokalita' tal-Floriana.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.8 (14) u saqsiet jekk gietx mibghuta c-cirkolari rigward l-ischolarships ta' Justin Haber Academy. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li c-cirkolarijiet kienu gew ippubblikati u ser jingabru l-ghada mill-Maltapost sabiex jibdew jitqassmu.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja precedenti u ppropona li f'kaz li jkun hemm zewg cirkolarijiet, dawn jigu pprintjati fuq iz-zewg nahat tal-karta sabiex ikunu jistghu jitqassmu flimkien b'mod iktar ekonomiku.

2.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.1 (14) u

saqsiet jekk il-Kunsill sarx jaf min wahhal il-planters fi Triq il-Miratur. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien informat li kien xi hadd li jiehu hsieb isaqqi l-pjanti li kien mexxa dawn il-planters izda qal li dawn ma kienux imwahhlin imma kellhom biss feles biex igibhom invell.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex javvicina sid ta' negozju partikolari minhabba li wera x-xewqa li jkellmu fuq xi xoghol fit-triq. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li ser javvicinah dakinhar stess.

2.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.3 (14) u saqsiet kienx hemm xi progress rigward is-sigar ta quddiem Robert Samut Hall u s-sigar ta' wara s-sur. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghandu jittratta il-materja rigward il-perit, fil-materja ta' GARDMED li tinsab fuq l-agenda.

2.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 7.1 (14) rigward tqeghid ta' skip minghajr permess. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-iskip kienet tnehhiet.

2.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 23.8 (14) u saqsiet rigward katusa taht il-bankina li kellha tigi culvert f'Balzunetta. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li din kienet saret flimkien mal-culvert l-ohra tal-Housing Estate li kienet saritilha gradilja fuqha.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.4 (14) u saqsa meta kienet id-data tal-gheluq ghas-sottomissjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s-sottomissjonijiet kienu jaghlqu fl-4 ta' Marzu 2013.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 7.17 (14) u saqsa jekk kinietx ingibdet l-attenzjoni lill-kuntratturi tal-Kunsill ghac-citazzjonijiet li ghandhom pendenti. Is-Sindku wiegeb li din il-materja kienet qeghda fuq l-agenda u ghalhekk kellha tigi diskussa f'waqtha.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 8.2 (14), u saqsa jekk kinietx giet ordnata din it-tabella. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din kienet giet ordnatha u kien qed jistenniha tasal.

2.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 8.5 (14), u saqsiet jekk kienux gew ordnati l-planters. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kienu gew ordnati u kien qed jistennihom jaslu.

2.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 16.0 (14) u saqsa x'kien gara fuq il-kwistjoni ta' Glen Dalli Hili. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s-Sur Dalli Hili kien inghata permess ibiegh dak li kien permess ibiegh is-sena ta' qabel izda nforma li ftit wara kien ircieva direttiva mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex il-Kunsill ma jitlob la permess tat-trade licensing unit u lanqas permess ghal street hawker. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li wara d-direttiva, kien prova jikkuntattja lis-Sur Dalli Hili izda ma kienx irnexxielu u ghalhekk kien ghadu jrid jinformah.

2.15 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 17.3 (14) rigward l-expression of interest li kellha tinhareg ghac-Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li kien hemm xi nies li wrew interess jorganizzaw l-attivita' huma u kien talab laqgha maghhom sabiex jigu diskussi l-proposti taghhom. Huwa qal li din il-materja tinsab fuq l-agenda u ghalhekk ghandu jaghti d-dettalji iktar tard fil-laqgha.

2.16 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 17.7 (14) saqsa jekk kienux gew iffirmati l-kundizzjonijiet diskussi ma' Justin Attard quddiem nutar. Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja qeghda fuq l-agenda u ghalhekk ghandha tigi diskussa f'waqtha.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li dakinhar kienet inzammet laqgha li ghaliha kien prezenti hu flimkien mal-Pulizija u mar-rapprezentanti tal-Partit Laburista fejn kienu gew indikati mill-PL il-postijiet mixtieqa ghall-armar tal-gabbani fil-mass meeting li ser tinzamm nhar il-Hadd 3 ta' Marzu 2013.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghall-mass meetings li jmiss, il-Kunsill ghandu jimxi bil-procedura ta' first come first served izda ghandha tinzamm polza f'kaz li jkun hemm iktar minn persuna wahda fil-hin li jinfethu l-permessi. Huwa qal li din il-procedura tkun ahjar kemm ghal tal-gabbani kif ukoll ghall-Kunsill u ghar-residenti minhabba li jistghu jigu evitati l-kjuwijiet li kienu qed jinholqu bil-procedura ta' first come first served biss.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien tkellem mas-Sur Ray Azzopardi u kien ressaq il-proposta tal-Kunsill ghall-parkegg riservat ghar-residenti fil-parkegg ta' Belt is-Sebh dakinhar tal-mass meeting. Huwa zied jghid lis-Sur Azzopardi kien approva din il-proposta u ghalhekk is-Sindku ppropona li jinhareg avviz fejn jigu nformati r-residenti b'din id-decizjoni li ttiehdet bil-kollaborazzjoni mal-Partit Laburista. Is-Sindku zied jghid ukoll li wara din id-decizjoni, ghandu tama li l-partiti kollha jikkollaboraw u li tittiehed l-istess decizjoni mill-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex javvicina lill-MRRA b'din id-decizjoni halli jsiru l-arrangamenti necessarji.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk tistax tinghata preferenza lill-ghaqdiet Furjanizi fejn ikunu jistghu jigu moghtija post garantit ghall-meetings. Huwa qal li kien sema li kien hemm xi kunsilli ohra li mxew bl-istess mod mal-ghaqdiet lokali taghhom u ghalhekk talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jivverifika ma' kunsilli ohra qabel ma jibdew jinhargu l-permessi ghall-mass meeting tal-Hadd.

3.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili esprimiet l-oggezzjoni taghha ghall-fatt li kien hemm hafna applikanti tal-gabbani li kienu ilhom jikkjuwjaw quddiem il-Kunsill ghal ammont ta' granet u qalet li ma thossx li hu gust specjalment fuq ir-residenti li jkun hemm ammont kbir ta' nies li jhallu skart u jaghmlu l-istorbju ghal dan iz-zmien twil. Is-Sindku Nigel Holland qal li kien tkellem mal-Pulizija u gie nformat li ma kienet qed tinkiser l-ebda ligi u ghalhekk ma kienx hemm wisq x'seta' jsir hlief li wiehed jirraporta l-istorbju.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li dal-weekend kienu avvicinawh diversi applikanti tal-gabbani li riedu jtuh lista b'isimhom sabiex ikunu jistghu imorru. Huwa qal li hu kien irrifjuta din il-lista minhabba li din kienet tmur kontra il-ligi u kontra l-procedura li kien ghazel li jimxi maghha l-Kunsill. Huwa qal li din ir-rikjesta kienet ukoll ingusta ma' dawk li kienu ghadhom ma gewx fuq il-post.

3.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi wkoll kienet giet avvicinata b'lista izda kienet irrifjutat li taccettaha.

**Nota: 17:25 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kurja tal-Arcisqof li talbu l-permess tal-Kunsill ghal attivita' li ser issir fis-7 ta' Gunju 2013. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji bil-ligi.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn inghatat direttiva sabiex l-ufficini tal-kunsilli lokali jinzammu maghluqin nhar is-Sibt 9 ta' Marzu 2013.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn Carina Dimech rigward kuncert li kien ser jinzamm qabel il-kuncert tal-Isle of MTV. Huwa qal li kienu talbu li l-permess jinhareg minnufih izda hu wiegeb li l-permess ma kellux jinhareg qabel ma jigu rizolti xi materji pendenti bhal tnehhija ta' arbli elettrici minn fuq il-Fosos. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kien inhareg l-ebda permess ghalissa minhabba li kien talab kemm lill-MTA kif ukoll lill-NNG Promotions sabiex jikkoordinaw bejniethom qabel ma jinhareg il-permess. Is-Sindku talab li ghandom jigu kkuntattjati l-NNG Promotions mill-aktar fis possibli u tintalab laqgha maghhom sabiex ikunu jistghu isiru l-arrangamentii necessarji u jinghataw id-dettalji rikjesti. Is-Sindku Nigel Holland zied jghid ukoll li wara li tkellem mal-MTA, dawn kienu accettaw li jhallsu skont il-byelaw u ma kienu sabu l-ebda oggezzjoni.

**<u>Nota: 17:32 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.</u>**

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghan-nota li kien halla l-Kunsillier Vincent Borg rigward l-applikazzjoni biex issir lukanda minflok l-Isptar Sir Paul Boffa. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li wara d-dettalji li nghataw is-sena l-ohra mill-applikanti, kien gie nformat li ma kienux ser jiehdu over il-Kalkara Gardens izda kienu ser jifthu grada fuq wara tal-lukanda li taghti access ghalih. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien informat li issa kien hemm xi tibdil fil-pjanti u xtaq li jkun informat f'hiex kienu jinvolvu dawn l-emendi. Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiffissa laqgha urgenti mas-Sur Chris Paris biex il-Kunsill ikun informat b'dawn l-emendi. Is-Sindku talab ukoll biex il-Kunsill jitlob lill-konsulenti tieghu biex jevalwaw dawn it-tibdil u jghaddu l-kummenti taghhom.

3.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghall-fatt li l-isptar isir lukanda minhabba li thoss li hemm uzu ahjar x'jista' jsir minn din l-art. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien diga oggezzjona ghal dan il-progett.

**<u>Nota: 17:35 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Arcidjocesi ta' Malta fejn talbet permess ghall-Via Sagra Nazzjonali li ser issir fis-27 ta' Marzu 2013. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Inginier Portelli sabiex jinqalaw l-arbli ta' quddiem il-Knisja u minflokhom isiru floodlights. Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jsostni l-istess pozizzjoni precedenti u li ghandu jitlob sabiex dawn jergghu jinxteghlu mill-aktar fis.

**<u>Nota: 17:38 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

3.15 Is-Sindku Nigel Holland qal li jinsab konxju tad-decizjoni mittiehda mill-Kunsill li ma jghinx finanzjarment f'attivitajiet jew reklamar ta' attivitajiet li m'humiex organizzati minnu direttament izda qal li jhoss li l-Kunsill kellu jaghmel eccezzjoni fir-reklamar tal-festa (tal-parrocca u tal-banda) minhabba li kull kunsill jaghti l-awguri tieghu ghal festa t-tajba lir-residenti tal-lokalita'.

**<u>Nota: 17:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.</u>**

3.15.1. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jaqbel li ghandha ssir eccezzjoni minhabba li ma jhossx li hu gust li l-Kunsill ma jaghtix l-awguri lir-residenti fi zmien il-festa.

3.15.2. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li f'dan il-kaz, hu ma jaqbilx minhabba li jhoss li ladarba ma inghatat ghajnuna lill-ebda ghaqda, il-Kunsill ghandu jimxi ma' kulhadd l-istess. Huwa qal li jhoss li l-Kunsill ghandu jghin lill-kulhadd bil-limitazzjonijiet tieghu u jinghata l-istess ammont u l-istess ghajnuna lil kull ghaqda u dan sabiex il-kejl ikun ugwali ma' kulhadd. Il-Vici Sindku qal ukoll li fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill iridu jittiehdu certu mizuri u l-fondi jridu jonqsu minn x'imkien minhabba li fl-ahhar tas-sena ser ikun il-Kunsill li jrid iwiegeb ghan-nuqqas ta' fondi.

3.15.3. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi favur li tinghata ghajnuna lill-kulhadd u ghalhekk taqbel li l-Kunsill jaghmel ir-reklam kemm tal-parrocca kif ukoll tal-banda.

3.15.4. Ghalhekk il-Kunsill qabel b'maggoranza li jaghmel ir-reklam tal-parrocca u tal-banda ghall-awguri ghall-festa, bl-istess valur tas-sena l-ohra.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal bozza li hemm fi Triq l-Argotti u qal li hu jiftakar li l-bozza fiz-zmien kienet fin-nofs u mhux mal-hajt. Huwa ppropona li l-bozza terga' ssir fin-nofs peress li qed taqa' dalma minhabba xi bini li hemm hiereg 'il barra f'din l-istess triq. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ppreponiet li jizdiedu ll-watts tal-bozza minflok tigi rilokata. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-kuntrattur tieghu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Group A Light and Gift fejn intalab permess ghal attivita' li ser issir fil-21 ta' Marzu 2013 kontra l-abort. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li ma tahbatx mal-purcissjoni tad-Duluri li ssir dakinhar stess filghaxija.

3.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Europa Donna Malta li talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw Annual Breast Cancer Walk. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda qabel li ghandu jivverifika mal-Arcipriet jekk din l-attivita' tahbatx mal-purcissjoni ta' Hadd il-Palm.

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni San Publju ta' Malta fejn intalab il-permess tal-Kunsill biex tinzamm wirja fi Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jigu nformati r-residenti bl-gheluq tat-triq.

3.20 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja precedenti u gibed l-attenzjoni ghad-decizjoni mehuda f'kunsill precedenti fejn kien gie deciz li din it-triq tinghalaq ghat-traffiku.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku dwar il-materja mqajjma matul il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' rigward it-tarag li hemm fi Triq is-Suq u saqsa jekk it-tarag ghandux jigi jxaqleb iktar l' isfel sabiex l-ilma jkun jista' jidrainja ahjar. Is-Sindku wiegeb li jkun ahjar li l-Kunsill jistaqsi lill-perit tieghu sabiex jara x'jista' jsir.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-minuti tal-laqgha li nzammet mis-sottokumitat tal-Avvanz tal-Mara.

5.2 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghal xi korrezzjonijiet zghar kif ukoll ghal formulazzjoni tal-minuti.

5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk dan is-sottokumitat kellux chairperson jew segretarju. Is-Sindku wiegeb li ma kien hemm l-ebda u ghalhekk ic-chairperson kienet il-Kunsilliera Davina Sammut Hili stess.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland informa li jekk kien hemm xi kunsillier li xtaq jghaddi xi kummenti jew iqajjem xi punti mill-minuti seta' jaghmel dan f'dan l-istadju.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 76-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-pagament nru 9 dovut lil Chiara Siracusa. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan kien id-differenza li ghada ma thallsits tl-pagament ta' Eur500 + Eur 90 VAT.

7.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ser ikun qed jastjeni mill-pagament nru 8.

7.4 Ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11232 sa 11249 u 114-119 , bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, DSH, NH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Nigel Holland, mis-Segretarju Ezekuttiv u minn zewg kunsillieri.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kemm il-photocopier kif ukoll l-iscanner li hemm fl-ufficcju bil-hsara u ghalhekk qed jipproponi li tinxtara photocopier bi scanner combined. Huwa qal li wara li kienu ntalbu xi kwotazzjonijiet formali, l-irhas kwotazzjoni kienet tammonta ghal Eur 1390. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wara li kien ghamel il-kalkoli tieghu, il-kuntratt ta' leasing ma kienx worth-it u ghalhekk ikun ahjar li tinxtara wahda gdida. Il-Kunsill qabel li ghandha tinxtara photocopier gdida bi scanner maghha.

**<u>Nota: 18:00 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.</u>**

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-laptop ukoll kellu bzonn jigi rrangat jew jinbidel. Huwa qal li diga kien prova jirrangah billi tah format pero jidher li kien hemm xi problemi ohra. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehdu ghat-tiswija sabiex jara xi spejjez hemm u tittiehed decizjoni dwar jekk hux vijabbli jissewwa jew jinxtara iehor gdid.

**<u>Nota: 18:05 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

**<u>Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi sospiza sabiex ikun jista' jigi avvicinat minn rapprezentant tal-Greenpak.</u>**

**<u>Il-laqgha tkompliet fis-18.15.</u>**

## <u>8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet</u>

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet.

## <u>9.0 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2013</u>

9.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iressaq l-estimi annwali 2013 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wara li nzammet il-laqgha annwali tal-lokalita', il-Kunsill seta' jzid jew ibiddel xi nefqiet fl-estimi annwali.

9.3 Wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni tal-estimi annwali ghas-sena 2013, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Evalwazzjoni tal-Offerti

### 10.1 FLC/Q/03/2013 – Repair/ replacement of Faulty CCTV in KGV

10.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta r-rapport tekniku tal-Inginier fejn kien irrakomanda lil Alberta Ltd. minhabba li t-tliet offerti l-ohra ma kienux compliant mar-rikjesti tal-Kunsill.

10.1.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Alberta Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u anke wara li evalwa r-rapport tekniku tal-Inginier tieghu, peress li kienet l-unika offerta' compliant mar-rikjesti tal-Kunsill, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, DSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 11.0 Gnien il-Mall

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi fakkar f'kaz ta' vandalizmu li kien sar fi Gnien il-Mall.

11.2 Il-Kunsillier Vincet Borg qal li wara li tkellem ma' Ronald Cuschieri, kien informat li qabel ma jinghatawlu l-flus ma jistax jirranga d-dwal.

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill ma kien fl-ebda pozizzjoni li jaghmel xi haga rigward dan hlief li jressaq ir-rapport tieghu u dan minhabba li jrid jghaddi zmien stipulat mis-sentenza tal-qorti qabel ma wiehed ikun jista' jiehu azzjoni ulterjuri.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-Kunsill ghandu jibqa' jsostni t-talba tieghu sabiex zoni bhal Gnien tal-Mall jibdew jaqghu taht il-Kunsill sabiex ma jibqax ikun hemm kazijiet simili.

## 12.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta

12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li x-xoghol f'Balzunetta kien tkompla u li dakinhar kien intefa' l-qatran mal-blokk tal-housing b'hekk giet risolta din il-problema li inholqot.

12.2 Il-Vici Sindku qal ukoll li kien talab lill-Andre Pizzuto sabiex jibghat lill-Perit tal-Housing jiccertifika x-xoghol imsemmi fi 12.1 halli l-Kunsill ikun jista' jinghata l-fondi mill-Awtorita' tad-Djar.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kienet ingibditlu l-attenzjoni ghal xi sprall miftuh li hemm u li minhabba f'hekk qed jinzlu l-qtates fil-kantina. Il-Vici Sindku qal li diga tkellem mal-kuntrattur sabiex jinghalaq u nformah li kellu jiehu azzjoni u jghalqu u jnaddfu. Il-Vici Sindku qal li ghandu jerga' jkellmu.

12.4 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni wkoll ghall-fatt li kienet inkisret irhama ta' targa ta' residenza privata waqt li qed isir ix-xoghol.

12.4.1. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-kuntrattur kien accetta li jwahhal irhama gdida b'din tal-ahhar tkun a spejjez tal-Kunsill.

12.4.2. Il-Vici Sindku qal li kien talab lill-kuntrattur sabiex jassorbi din l-ispiza hu.

12.4.3. Is-Sindku ppropona li ghandha tinxtara irhama mill-Kunsill u titwahhal u din l-ispiza ghandha titnaqqas mill-kont dovut lill-kuntrattur.

12.4.4. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx li ghandha titnaqqas mill-kont tal-kuntrattur ladarba ma kienx hemm prova li din tkissret minnu. Hija ziedet tghid li thoss li din ghandu jassorbiha l-Kunsill ladarba ma kienx hemm provi minn min tkissret.

12.4.5. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab kwotazzjoni ghal din l-irhama u tittiehed decizjoni iktar tard ladarba l-Kunsill ikollu indikazzjoni ta' kemm tammonta l-ispiza.

12.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-kuntrattur ghad fadallu xi affarijiet zghar x'jaghmel fi Pjazza San Kalcidonju. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni ghall-ftehim li l-Kunsill kien ghamel mieghu li appena jircievi l-flus mill-Housing, ghandu jithallas il-kont tal-kuntrattur.

12.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill ghandu jimxi mal-ftehim ladarba kien sar ftehim izda qal li d-darba li gejja, mhux ser japprova li jinhariglu l-pagament jekk ix-xogholijiet zghar ikunu ghadhom ma sarux.

12.7 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-main li ghandu jinbidel mir-Road Servicing. Huwa qal li issa x-xoghol seta' jibda u kien diga tkellem mal-kuntrattur Dion Galea sabiex jibda x-xoghol minnufih.

12.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jrid jitmexxa l-isprall li hemm fi triq l-Argotti sabiex tkun tista' tinghalaq il-kurduna. Il-Kunsill qabel li din il-bicca xoghol ghandha ssir qabel ma jkun jista' jinhareg il-pagament.

## 13.0 Tkomplija tas-sular ta' fuq

13.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-kaz tas-Sur Omar Aquilina li kien irrifjuta li jkompli x-xoghol fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill.

13.2 Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill jaghmel uzu mill-haddiema li ghandu sabiex jitlesta x-xoghol. Huwa qal li hu kien diga xtara l-materjal li kien talbu s-Sur Aquilina u ghalhekk ma kienx hemm spejjez kbar involuti.

13.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li l-kamra tal-kunsilliera eventwalment issir l-ufficcju tal-Customer Care, u li l-ufficcju tas-Sindku jigi rilokat fuq.

13.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li biex ikun jista' jaghmel xi rilokazzjonijiet u titjib, hemm bzonn li jitlesta x-xoghol fuq. Il-Kunsill qabel li ghandu jinbeda x-xoghol fis-sala ta' fuq u li jinxtara l-materjal li fadal.

13.5 Is-Sindku Nigel Holland saqsa kif kien baqa' l-Kunsill rigward il-materja ta' Omar Aquilina. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kienet intbaghtitlu ittra legali mill-Avukat tal-Kunsill.

13.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien tilef ic-cans ghal ritrattazzjoni tal-kaz tas-Sur Philip Attard minhabba li din ma kinietx giet imressqa fil-hin.

13.6.1. Huwa qal li jinsab iddizappuntat bil-kbir bl-Avukat Dr Martin Fenech u qal li l-Kunsill ghandu bzonn t'avukat li jiehu interess u li jkun hu li jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill meta jkun hemm xi deadline.

13.6.2. Is-Sindku qal li hu jemmen fil-kontabbilita' u ma jistax ikun li wiehed irid imexxi organizzazzjoni u fl-istess hin irid jigri wara l-avukat biex ifakkru fil-kazijiet tieghu.

13.6.3. Is-Sindku qal ukoll li wara li kien ivverifika ma' xi kunsilli ohra, jidher li hemm min jahdem bil-mod kif qed jipproponi hu.

13.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni ghall-applikanti tal-gabbani li kienu qed jikjuwjaw barra l-Kunsill. Huwa qal li dan ma kienx permess mil-ligi minhabba li jista' jigi kklassifikat bhala loitering. Huwa qal ukoll li dawn kienu qed idejjqu lir-residenti u l-Kunsill ghandu jcempel u jirraporta lill-Pulizija. Is-Sindku wiegeb li hu kien diga tkellem mal-Pulizija rigward l-istorbju u l-hmieg li qed joholqu.

13.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni ghal ammont ta' hmieg li kien thalla quddiem il-kannirja. Il-Kunsill qabel li ghandu jnaddaf il-hmieg a spejjez tal-Arcipriet.

## 14.0 Haddiem Manwali

14.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ghadu mhux konvint rigward l-impjieg ta' haddiem manwali minhabba li jhoss li l-haddiema li l-Kunsill ghandu mieghu bhalissa jahdmu u jlehhqu jaghmlu dak li hemm bzonn.

14.2 Huwa qal li jhoss li l-Kunsill ghandu jerga' jevalwa d-decizjoni tieghu li jimpjega haddiem full time li mieghu igib ukoll spejjez ta' paga, sick leave, leave, taxex u bolol.

14.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jista' jiggarantixxi li l-haddiem manwali li ser jigi mpjegat gdid ikollu dejjem x'jaghmel.

14.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li jiddependi x-xoghol ser jitqabbad minhabba li l-Kunsill qieghed f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja u ghalhekk jiddependi fuq x'materjal ikun hemm bzonn li jinxtara biex ikun jista jahdem.

14.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jekk jitqabbdu terzi persuni biex jaghmlu certu xoghol, xorta wahda l-flus ikunu qed jintefqu.

14.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu qed jistaqsi jekk il-Kunsill ghandux jidhol fi spiza ta' salarju u spejjez ohra li jgib mieghu impjegat iehor ladarba ghandu l-haddima tal-IPSL u tal-ETC li qed jakkomodawh.

14.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dawn il-haddiema tal-ahhar ma jahdmux 8 sieghat filwaqt li l-impjegat il-gdid ser ikun qed jahdem gurnata shiha peress li ser ikun fulltime.

14.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal ukoll li dan il-haddiem seta' jiehu hsieb il-funtani li bhalissa qeghdin inkluzi f'tender separat li hu validu ghal sena jiggedded sa tlett snin sena b’sena.

14.9 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill xorta wahda jrid jistenna r-risposta tal-ETC u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jiehu decizjoni definittiva iktar tard dwar din il-materja.

**Nota: 18:45 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandha tigi diskussa l-materja nru 20.0 qabel il-materja nru 15.0**

**18:45 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 20.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta` Lejlet l-Ewwel tas-Sena

20.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega jekk kienx hemm xi progress rigward din il-materja.

20.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li minkejja diversi emails li kien bat lil Justin Attard fejn is-Sur Attard kien wiegbu li ser javvicinah dalwaqt ghax kien ma jiflahx, kien ghad baqa' bla risposta u ma kien wasal imkien.

20.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill ghandu bzonn jiehu azzjoni minhabba li kien qed jghaddi z-zmien.

20.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li tintbaghat ittra ufficjali mill-Kunsill lis-Sur Justin Attard. Huwa qal li l-Kunsill ghandu jmur ghal kostituzzjoni ta' debitu u mhux ghal kawza u dan minhabba li l-kostituzzjoni ta' debitu taghti lill-Kunsill it-titolu ezekuttiv immedjatament filwaqt li kawza se taghti t-titolu ezekuttiv lill-Kunsill meta u jekk tintrebah il-kawza.

**18:50 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

20.5 Il-Kunsill qabel li ghandha tintbaght ittra ufficjali lis-Sur Justin Attard.

20.6 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk intbaghtitx ittra ufficjali lil DJS Trading Ltd. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din kienet intbaghtet.

20.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien iltaqa' mas-Sur Heathcliff Balzan u kien hemm tliet persuni ohra li ghandu jiffissa laqgha maghhom. Huwa qal li dawn kollha kienu interessati jorganizzaw l-attivita' tal-ahhar tas-sena.

20.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li wara dawn il-laqghat trid tinhareg expression of interest.

20.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill jistax jaghmel performance guarantee li tkun inkluza fil-kuntratt ghall-edizzjoni ta' din is-sena.

## 15.0 Uzu tas-Swali tal-Kunsill

15.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tiftah il-materja minhabba li kienet hi li talbet li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

15.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet talbet li tigi diskussa din il-materja minhabba li l-gimgha ta' qabel kienet ghaddiet minn quddiem id-Dar tal-Kunsill u kienet rat hafna nies lebsin kostum tal-Karnival. Hi qalet li wara li tkellmet mas-Segretarju Ezekuttiv, ikkuntattjat lis-Sindku fejn informaha li kien hemm zewg kumpaniji li kienu qed jaghmlu uzu mill-bini tal-Kunsill sabiex jilbsu ghall-Karnival.

15.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghalkemm is-Sindku kien informaha li kien gab l-approvazzjoni tal-maggoranza ghal dan l-uzu, il-Vici Sindku Matthew Paris u hi qatt ma kienu gew avvicinati. Ghalhekk hi saqsiet lil min kien ikkuntattja lis-Sindku.

15.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien minghalih li kien tkellem mal-Kunsilliera Davina Sammut Hili b'mod informali dwar dan u ghalhekk skuza ruhu jekk dan ma kienx il-kaz.

15.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris wera d-dizapprovazzjoni tieghu ghall-fatt li ntuzat l-emblema tal-Kunsill matul il-Karnival. Huwa kompla billi qal li filwaqt li m'ghandu l-ebda problema li tintuza l-emblema tal-Kunsill, il-fatt li din intuzat minghajr ma kien informat kulhadd ifisser li l-kunsillieri kienu qed ikunu responsabbli ghal xi haga li setghet saret fuq dan il-karru.

15.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li f'dan ir-rigward jahseb li jkun gust li l-kunsillieri kollha jigu avvicinati f'materja simili.

15.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghalkemm hija favur li l-Kunsill idahhal il-flus mill-kiri tas-sala, hi ma taqbilx li l-Kunsill ghandu jikri s-sala tieghu ghal attivitajiet tal-Karnival. Qalet ukoll li kirjiet simili jafu jdejjqu lir-residenti filwaqt li jwaqqghu isem il-Kunsill.

15.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li fil-konoxxenza tieghu, ma kienx jaf li sar storbju jew inqalghu xi problemi.

15.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li meta jsir l-uzu tal-emblema tal-Kunsill ghandha tinkiser l-approvazzjoni tal-kunsillieri kollha u mhux biss il-maggoranza u dan biex kull kunsillier ikun informat. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**Nota: 19:02 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 16.0 Hlasijiet dovuti lil-Kunsill

16.1 Is-Sindku talab lis-s-Segretarju Ezekuttiv jaghti redindikont. Huwa fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm xi kuntratturi jew nies li jahdmu ghall-Kunsill li ghandhom xi hlasijiet dovuti lill-Kunsill f'citazzjonijiet li flimkien jammontaw ghal ammont sostanzjali.

16.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li kull min jiehu xi xoghol mill-Kunsill irid joffsettja xi flus dovuti lill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ghandu jkun ragjonevoli u fejn possibli, jintlahaq ftehim fejn dawn jistghu jithallsu bicca bicca u mhux f'salt.

16.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li din it-talba ssir b'mod amikevoli.

16.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kellu diskussjoni ma xi kuntratturi xi xhur ilu dwar dan fejn kien hemm rieda tajba.

16.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li kien tkellem mal-kuntrattur Karl De Flavia, fejn kien ippropona li l-flus li ghandu jaghti f’citazzjonijiet jitnaqqas mill-ammont li ghandu jaghti lill-Kunsill ghall-esklussivita’ tal-gabbana fil-KGV.

16.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jinforma lill-kuntratturi bil-pagamenti pendenti u jipproponi li dawn johorgu bi proposta li tkun tajba ghalihom fi zmien gimgha.

16.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghas-second tranche ta’ ittri li ntbaghtu ta’ citazzjonijiet antiki, u nforma lill-Kunsill li mill-pagamenti li saru s’issa, il-Kunsill kien diga gie minn fuq.

16.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li l-Kunsill jiftah kawza sabiex jintrebhu l-pagamenti li jibqghu pendenti.

16.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li minflok, tintbaghat ittra mill-Avukat tal-Kunsill il-gdid qabel ma tittiehed azzjoni legali ulterjuri.

16.10 Is-Sindku qal li jinsab sodisfatt bir-rizultat li nkiseb minn dan l-ezercizzju minhabba li l-Kunsill kien dahhal ammont sostanzjali ta’ flus li kien baqa’ pendenti matul is-snin.

## **<u>17.0 Gardmed</u>**

17.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi qal li s-sitwazzjoni hija wahda inkjetanti minhabba li ghad fadal ammont kbir ta’ fondi li baqa’ ma ntefaqx u hemm cans kbir li ma jilhaqx jintefaq u ghalhekk jintilef.

17.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kif ukoll il-Kunsillier Vincent Borg kienu ikkuntattjaw lill-Perit tal-Kunsill kemm-il darba.

17.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalkemm ma jixtieqx li jintilef centezmu mill-fondi li hu ntitolat ghalihom il-Kunsill, f’din is-sitwazzjoni jhoss li l-Kunsill ghandu jiehu dak li jista’.

17.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkuntattja lill-Perit minnufih u jinformah li kien hemm lok ghall-telf ta’ fondi jekk ix-xoghol ma jibdiex immedjatament.

17.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien tkellem mal-Perit Farrugia fejn saqsih ghalfejn kien ghadu ma wasalx ir-rapport minghandu. Huwa qal li hu kien wiegbu li kellu hafna xoghol pendenti u li kellu jibghatu daqt.

17.6 Is-Sindku nforma li hu kien ser jikkuntattja lill-perit l-ghada stess sabiex ma jibdiex fuq sieq hazina mal-Kunsill.

## **<u>18.0 Gbir ta' Skart Riciklat</u>**

18.1 Is-Sindku Nigel Holland li issa l-Kunsill kien ikkonsulta maz-zewg kumpaniji u ghalhekk talab sabiex il-Kunsill jiehu decizjoni ma’ liem kumpanija xtaq jahdem.

18.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li bhala servizz, wiehed qieghed jiggarantixxi li jkompli l-gabra tal-borza s-sewda anke meta l-kumpanija l-ohra xtaqet li twaqqafha.

18.3 Il-Vici Sindku qal ukoll li l-Green MT kienet lesta li tipprovdi lill-Kunsill b'€1000 fondi filwaqt li l-Greenpak ma kienux iggarantixxu li dawn jinghataw in cash.

18.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk jistax jigi tterminat il-kuntratt jekk il-fondi ma jinghatawx. Is-Sindku wiegeb li ladarba jkun hemm ksur tal-kuntratt, dan jista' jigi itterminat immedjatament.

18.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-fondi tal-GreenMT humiex marbuta ma' xi attivita' jew jekk humiex iggarantiti u rrelatati.

18.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-Green MT jekk l-environmental grant hux marbuta ma' attivita' partikolari. F'kaz li jintlahaq ftehim il-Kunsill qabel li ghandu jiffirma kuntratt mal-kumpanija Green MT.

## 19.0 Jum il-Floriana

19.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm diversi premjijiet li jridu jinghataw u ghamel riferenza ghall-premju Ufficjal tas-Sena.

19.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li dan jinghata lil PC Karl Rizzo. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jibghat lill-Kummissarju ghall-approvazzjoni tieghu.

19.3 Is-Sindku saqsa lil Vici Sindku Matthew Paris dwar wirja li kienet giet proposta minn Ray Debono Roberts. Huwa qal li ghandu jitkellem mieghu f'iktar dettall.

19.4 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog in-nominazzjonijiet ghall-premjijiet xahar qabel l-attivita'.

## 21.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

21.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien talab kwotazzjoni lill-kuntrattur ghal seating dakinhar tal-Festival simili ta' dak li sar fil-Karnival. Huwa kompla billi qal li dan jirrizulta ghal eluf ta' ewro.

21.2 Is-Sindku qal ukoll li kien talab kwotazzjoni biex minflok issir pjattaforma li tkun bi hlas ghal dawk li jkunu jixtiequ jaghmlu uzu minnha dakinhar tal-festival.

21.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li din il-pjattaforma ssir u tinghata lill-kuntrattur li ser jirbah l-esklussivita' u li fiha jkun jista' jaghmel bars jew dak li jixtieq u ta' dan il-kuntrattur ikun jista' jhallas xi haga zejda lill-Kunsill.

21.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li fis-sejha ghall-offerti tal-esklussivita', il-Kunsill kien specifika li l-offerta' ma tistax tkun inqas minn €1000. Is-Sindku qal li madankollu, xorta wahda kien hemm min kien interessat.

21.5 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien tkell mas-Sur Ivan Filletti li kien talbu

sabiex jibghatlu d-dettalji.

21.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar li kien hemm xi sponsorships mill-Green MT.

21.7 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien hemm sponsorships mill-Gvern Centrali biex tigi organizzata din l-attivita'. Huwa qal ukoll li kien ser jipprova jgib xi sponsorships ohra.

21.8 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li s'issa, il-Knisja wkoll kienet taghti s-sehem taghha finanzjarjament ghal dan il-festival.

21.9 Is-Sindku qal ukoll li ghandu laqgha mal-General Manager Norbert Vella tal-Grand Hotel Excelsior fejn ser ikun qed jitlob l-akkomodazzjoni ghall-gurija tal-festival.

## 22.0 St Patrick's Day f'Balzunetta

22.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li s'issa kien ghad ma kien hemm l-ebda spejjez relatati ma' din l-attivita'.

22.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gie kkonfermat DJ Ozzy Lino ghal din l-attivita'.

22.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li jsir ftehim mal-SDM u mal-Pulse sabiex issir pubblicita' mal-istudenti tal-Universita' u tal-Junior College.

22.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien informat li kien ser jinghata palk b'xejn ghal din l-attivita' mis-Sur Norman Hill.

22.5 Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-Emerald Society li kienu entuzjasti hafna dwar din l-attivita'.

22.6 Is-Sindku qal ukoll li wara l-laqgha li kellu mal-Ambaxxatur ghall-Irlanda, kien gie nformat li kienet ser tittella' attiviita' simili fil-Belt Valletta.

22.7 Is-Sindku kompla billi nforma li l-ghada kienet ser issir laqgha mal-Irish Maltese Circle u ma' Michael Higgins sabiex jipprovaw igibuhom on board ghal din l-attivita' minhabba li kienu entuzjasti hafna ghal din l-attivita'.

22.8 Is-Sindku qal ukoll li ghall-attivita' organizzata mill-Kunsill kien ser ikun hemm birra hadra li jkollha l-istess toghma. Qal ukoll li kien sar ftehim mal-Floriana Ajax sabiex ikun hemm biljetti li jinxtraw fejn jinghata mug birra, skutella irish stew u oggetti relatati ma' St. Patrick's Day.

22.9 Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jirnexxielu jiddobba xi ghajnuniet, ma jkunux inhargu flus kbar fir-rigward ta' din l-attivita'.

## 23.0 Housing fil-Floriana

23.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li wara d-diskussjoni li saret f'laqghat precedenti, ippropona li jsir ezercizzju tal-Housing stock tal-lokalita' fejn jigi ddeterminat xi proprjetajiet hemm maghluqa, kemm hemm proprjetatjiet tal-privat, tal-Gvern, ecc.

23.2 Il-Kunsill qabel minhabba li dan huwa essenzjali biex ikunu jistghu isiru proposti li jgibu rizultat pozittiv.

23.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kull ma jkun hemm bzonn huwa ta' ftit caqliqiet zghar ghax dawn iqajjmu nteress minn developers ohra.

23.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kienu diversi l-bini li sar dawn l-ahhar snin u kien hemm bzonn li jsir iktar bini residenzjali jew titjib f'dak ezistenti.

23.5 Is-Sindku Nigel Holland saqsa min kien responsabbli mill-kariga tal-MEPA bhalissa. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li minkejja li b'mod ufficjali, il-kariga tal-MEPA kienet f'idejn il-Kunsillier Anthony Brincat, hu kien qed jassorbi kemm jista' mix-xoghol tieghu ghalissa.

23.6 Is-Sindku ghalhekk gibed l-attenzjoni tal-Vici Sindku ghall-pjattaforma li thalliet fi Pjazza Sir Luigi Preziosi minhabba li kien qed ikun hemm diversi ilmenti. Il-Vici Sindku wiegeb li hu kien ser jinvestiga l-kaz u jiehu hsieb l-ilment.

## 24.0 Aġġornament tal-laqgħa

24.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 18 ta' Marzu 2013 fil-5.00pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.15.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv